**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 396/2014**

**Illum, 29 ta' Mejju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Kevin Joseph Zerafa**
**(ID 290584(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Kevin Joseph Zerafa**, ta' 29 sena, iben Saviour u Helen nee` Brincat, imwieled il-Pieta` nhar it-3 ta' Ġunju 1984, u residenti fil-fond San Spiridione Farmhouse, Triq tal-Gardiel, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 290584(M);

Akkużat talli fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Diċembru 2013 u l-1 ta' Jannar 2014 ir-Rabat, Malta u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.

101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenżja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xorta'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4  tar-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4  u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xorta oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħek;

3. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtoriżżazjoni bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

4. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta'Malta;

5. U aktar talli fl-istess ħin, data u ċirkostanza, kiser sentenza ta' tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għal tlett snin, liema sentenza ġiet mogħtija mill-Maġistrat Dr. A. J. Vella fit-8 ta' Frar 2012, liema perjodu operattiv tal-istess sentenza ġie estiz għal erba' snin mill-istess Maġistrat fl-24 ta' April 2013 u liema sentenza sospiża saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

6. U aktar talli fl-istess ħin, data u ċirkostanza, sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Maġistrat Dr. A. J. Vella fit-8 ta' Frar 2012 u fl-24 ta' April 2013 rispettivament, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[1]

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi kemm il-Prosekuzzjoni, kif ukoll id-difiża rrimettew ruħhom ghall-provi prodotti u għad-deċizjoni ta' din il-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar l-1 ta' Jannar 2014, għall-ħabta tas-1:40 a.m., waqt li PC 4852 Keith Muscat u PC 1295 Dillon Abela kienu qegħdin Gianpula, huma għamlu tfittxija fuq l-imputat odjern li dak il-ħin kien jinsab viċin it-*toilet cubicles* fl-istess stabbiliment u fuq il-persuna tiegħu ossia fil-qalziet, sabu żewg pilloli, żewg kantunieri kontenenti trab abjad u madwar tmien mitt ewro fi flus kontanti.[2]

L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija nhar l-1 ta' Jannar 2014, fit-3:15 a.m. u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt

---

[1] L-akkużi oriġinali ġew emendati u korretti wara talba tal-Prosekuzzjoni fid-29 ta' April 2016, liema talba ġiet milqugħa mill-Qorti b'digriet li jġib l-istess data (ara a fol. 46 tal-proċess).
[2] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' PC 4852 Keith Muscat, a fol. 21 sa 23 tal-proċess u x-xhieda ta' PC 1295 Dillon Abela, a fol. 24 sa 26 tal-proċess u a fol. 64 sa 66 tal-proċess.

li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[3]

Jirriżulta wkoll mir-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, maħtur bħala espert f'dawn il-proċeduri, illi huwa ngħata, mingħand ir-Reġistratur tal-Qorti, *envelope* immarkat S/B/540/2015 kontenenti i) *evidence bag* bin-numru B00958091 li fih *envelope* ta' lewn kannella li jikkontjeni żewġ qratas tal-plastik li fihom trab ta' lewn abjad, flus u żewg pilloli ta' lewn vjola, liema dokument ingħata l-kodiċi tal-laboratorju 303_15_01. Jirriżulta wkoll mir-relazzjoni tal-istess espert illi:

a) Fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad fid-dokument 303_15_01 instabet is-sustanza kokaina. Il-piż total tat-trab kien ta' 0.31 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 15%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Fuq estratt meħud mill-pilloli ta' lewn vjola fl-istess dokument instabet is-sustanza *3,4-methylenedioxy-N-methylamphetamine (MDMA)*. In-numru ta' pilloli huwa tnejn. Din is-sustanza hija kkontrollata taħt it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.[4]

Mir-relazzjoni tal-istess espert, kif ukoll mix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri[5] jirriżulta wkoll illi parti mit-trab fid-dokument fuq imsemmi, f'piż ta' 0.84 grammi, irriżulta fin-negattiv għal sustanzi lleċiti fil-waqt illi rriżulta pożittiv għall-kaffeina. Fix-xhieda tiegħu, l-espert spjega wkoll illi l-pilloli vjola kienu *ecstasy*.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti sejra tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-1 ta' Jannar 2014.

Huwa evidenti illi l-imputat ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu, stante illi dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

---

[3] Ara din l-istqarrija, a fol. 29 tal-proċess u d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali, a fol. 30.
[4] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 34 *et seq* tal-proċess.
[5] A fol. 32 u 33 tal-proċess.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. F'dan il-każ, għalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi iżjed u iżjed għandha tqis l-istqarrija tal-imputat odjern, li kienet ta' preġudizzju għalih u timpinġi direttament fuq is-sejbien ta'

ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri, bħala inammissibbli u għalhekk qegħda tiskartaha. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti mbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija tal-imputat odjern, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrija bħala inammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tal-imputat jirrigwardaw biss il-lejl ta' bejn il-31 ta' Diċembru 2013 u l-1 ta' Jannar 2014.

Skartata l-istqarrija ta' l-imputat, l-uniċi provi li jifdal fl-atti proċesswali huma x-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija li wettqu t-tfittxija fuq il-persuna tal-imputat fil-lejl

in kwistjoni u r-relazzjoni tal-espert nominat mill-Qorti. Minn din ix-xhieda jirriżulta ċar illi dakinhar l-imputat instab fil-pussess ta' żewg pilloli u żewg qratas kontententi trab abjad, liema sustanzi skont ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, kienu *ecstasy* in kwantu l-pilloli, kokaina f'piż ta' 0.31 grammi in kwantu qartas minnhom u kaffeina f'piż ta' 0.84 grammi in kwantu l-qartas l-ieħor.

Fid-dawl ta' dawn il-provi, l-ewwel imputazzjoni li tirreferi għar-reat ta' traffikar tad-droga kokaina ma tirriżultax ippruvata.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, ossia dik li tikkontempla r-reat ta' pussess aggravat tad-droga kokaina, imbagħad, tenut kont tal-ammont pjuttost żgħir ta' droga kokaina li nstabet fil-pussess tal-imputat, illi l-imputat instab f'diskoteka fl-ewwel tas-sena, fejn allura ċertament illi mhux eskluż illi kien ser jagħmel użu minnha huwa stess, u minkejja s-sejba tas-somma ta' tmien mija u sebgħin ewro fil-pussess tal-istess imputat, li waħedha jew meta abbinata ma' ammont żgħir ta' droga ma tistax twassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi fil-grad rikjest mil-liġi illi tali somma kienet ġejja mill-bejgħ tad-droga jew illi l-pussess tad-droga kokaina in kwistjoni kien wieħed aggravat, tqis illi lanqas din it-tieni imputazzjoni ma tirriżulta sodisfaċentement ippruvata. Madankollu, kif ingħad, jirriżulta ppruvat il-pussess tad-droga kokaina u għaldaqstant, l-imputat qed jinstab ħati tal-pussess 'sempliċi' tal-istess droga, reat kompriż u nvolut fir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, mill-provi prodotti jirriżulta ċar illi fil-jum u fil-lok imsemmi fiċ-ċitazzjoni odjerna, l-imputat kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta ossia żewġ pilloli *ecstasy* bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni ossia l-aggravju tad-distanza, il-Qorti tqis illi in kwantu reat jista' jiġi kkunsidrat biss aggravat kif provdut fil-proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta persuna tinstab ħatja ta' xi reat jew reati kkontemplati fl-Artikoli 22(2)(a)(i) jew 22(2)(b)(i) tal-istess Kap. 101, u stante illi din il-Qorti mhijiex qegħda ssib lill-imputat ħati ta' reati tali ossia la tar-reat ta' traffikar fit-termini tal-ewwel imputazzjoni u lanqas tar-reat ta' pussess aggravat fit-termini tat-tieni imputazzjoni, allura l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni.

Permezz tal-ħames imputazzjoni, imbagħad, l-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ossia s-sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. A. J. Vella tat-8 ta' Frar 2012, liema sentenza ġiet estiża fl-24 ta' April 2013.

F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebietx la kopja formali tas-sentenza tat-8 ta' Frar 2012 u lanqas tas-sentenza tal-24 ta' April 2013. Esebiet biss vera kopja ta' ċitazzjoni fil-konfront ta' 'Kevin Zerafa' li fuqha hemm in-notamenti, x'aktarx tal-Maġistrat sedenti datati 24 ta' April 2013 ossia li kien hemm ammissjoni u "*Testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza datata 8 ta' Frar 2012 għal erba' snin*".[6] Din ċertament m'hijiex il-kopja formali ta' sentenza li tirrikjedi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna sabiex issir l-aħjar prova u għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

L-istess irid jingħad dwar <u>is-sitt imputazzjoni</u> u ċioe` l-addebitu tar-reċidiva li jirreferi b'mod partikolari għaż-żewġ sentenzi msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan. Għaldaqstant, lanqas din l-imputazzjoni ma tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Għal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali aġġornata tal-imputat odjern, mil-liema jirriżulta illi huwa ġie kkundannat diversi drabi dwar reati konnessi mal-kaċċa, kif ukoll reati taħt il-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, kontravvenzjoni u reati kontra l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Tqis ukoll illi l-aħħar reat jirrisali għal April 2012. Dwar dawn ir-reati l-imputat ġie kkundannat għal reati pekunjarji diversi drabi u ngħata liberazzjoni kundizzjonata u sentenza ta' priġunerija sospiża. Tqis ukoll illi din hija l-ewwel darba illi l-imputat qed jiġi misjub ħati ta' reati konnessi mad-droga.

Tqis ukoll l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat, liema ammont kien wieħed pjuttost minimu.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22/1985, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-ewwel, tat-tieni imputazzjoni kif dedotta kontra tiegħu, tar-raba', tal-ħames u tas-sitt imputazzjonijiet u qegħda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati tar-reat ta' pussess tad-droga kokaina in kwantu kompriż u involut fir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni, kif ukoll tat-tielet imputazzjoni, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda

6 Ara a fol. 53 u 54 tal-proċess.

tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien erbatax-il xahar mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu tal-liberazzjoni kundizzjonata.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Godwin Sammut, ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' mija, ħamsa u tmenin ewro u tmien ċenteżmi (€185.08), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien xahar mil-lum. B'dan illi kemm il-darba huwa jonqos milli jħallas dan l-ammont fiż-żmien lilu preskritt, kwalunkwe bilanċ jigi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza formanti parti minn Dokument GM 2, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll ir-rilaxx tas-somma ta' tmien mija u sebgħin ewro (€870), ukoll formanti parti minn Dokument GM 2, favur il-ħati.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat